# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 26**

**Avviz numru 466/01/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Richard Spiteri u l-istess Richard Spiteri.**

**Vs**

**Bartholomew Fenech**
**Middle Sea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas in solidum bejniethom is-somma komplessiva ta'**

**hames mija u sebghin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm570.45,0) [Lm420.45 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm150 lill-attur Richard Spiteri] in linea ta' danni minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Naxxar fis-7 ta' Settembru 2000, meta waqt li Bartholomew Fenech kien qed isuq il-vettura Nru. DAF 042 habat mal-vettura Nru ROD proprjeta' ta' l-attur Richard Spiteri u misjqua minn Roderick Spiteri, ghal liema incident Bartholomew Fenech kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti – liema responsabilita' ghall-incident u konsegwenti obbligazzjoni ghall-hlas tad-danni giet accettata mill-Middle Sea Insurance p.l.c. bhala assikuraturi tal-vettura Nru DAF 042 u tal-istess Bartholomew Fenech;**

**Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 2000, u bl-imghax legali mit-13 ta' Novembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici noe datata 4 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza pero' zammet ferm il-kap tal-ispejjes;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegub ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment konvenuti naqsu u ma deherux, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**